IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.6.2016
COM(2016) 383 final

ANNEXES 1 to 6

ANNESSI

ta' [...]

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja

ANNESS I

Definizzjonijiet

Dawn huma d-definizzjonijiet li japplikaw fil-kuntest ta' din ir-Rakkomandazzjoni:

(a) *Kwalifika*: eżitu formali ta' proċess tal-valutazzjoni u tal-validazzjoni li jinkiseb meta korp kompetenti jiddetermina li individwu partikolari jkun kiseb l-eżiti tat-tagħlim sal-istandards preskritti.

(b) *Sistema nazzjonali tal-kwalifiki*: kull aspett tal-attività ta' Stat Membru li għandha x'taqsam mar-rikonoxximent tal-mekkaniżmi tat-tagħlim u mal-mekkaniżmi l-oħra li jorbtu l-edukazzjoni u t-taħriġ mas-suq tax-xogħol u mas-soċjetà ċivili. Din tinkludi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri u proċessi istituzzjonali relatati mal-assigurazzjoni tal-kwalità, mal-valutazzjoni u mal-għoti tal-kwalifiki. Sistema nazzjonali tal-kwalifiki tista' tkun magħmula minn għadd ta' subsistemi u jista' jkollha qafas nazzjonali għall-kwalifiki;

(c) *Qafas nazzjonali għall-kwalifiki*: strument għall-klassifikazzjoni tal-kwalifiki skont sett ta' kriterji għal-livelli tat-tagħlim speċifikati u miksuba, li jkollu l-għan jintegra u jikkoordina s-subsistemi nazzjonali tal-kwalifiki u jtejjeb it-trasparenza, l-aċċess, il-progressjoni u l-kwalità tal-kwalifiki f'relazzjoni mas-suq tax-xogħol u mas-soċjetà ċivili;

(d) *Kwalifika internazzjonali*: ċertifikat, diploma, lawrea jew titolu mogħti minn korp internazzjonali (jew korp nazzjonali akkreditat minn korp internazzjonali) li jintuża f'aktar minn pajjiż wieħed, u li jinkludi eżiti tat-tagħlim ibbażati fuq standards żviluppati minn korp internazzjonali, organizzazzjoni jew kumpanija;

(e) *Kwalifika settorjali internazzjonali*: kwalifika internazzjonali rilevanti għal settur tal-attività ekonomika żviluppat minn organizzazzjoni settorjali internazzjonali jew kumpanija internazzjonali;

(f) *Eżiti tat-tagħlim*: dikjarazzjonijiet ta' dak li l-istudent se jkun jaf, jifhem u kapaċi jagħmel meta jtemm il-proċess tat-tagħlim

(g) *Għarfien:* l-eżitu tal-assimilazzjoni tal-informazzjoni mit-tagħlim. L-għarfien hu ġabra ta' fatti, prinċipji, teoriji u prattiki li għandhom x'jaqsmu ma' qasam ta' xogħol jew studju. Fil-kuntest tal-QEK, l-għarfien jitqies teoretiku u/jew fattwali;

(h) *Ħiliet*: l-abbiltà li tapplika l-għarfien u li tuża dak li taf biex twettaq il-ħidmiet u ssolvi l-problemi. Fil-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, il-ħiliet jitqiesu konjittivi (għax jinvolvu l-użu tal-loġika, l-intwizzjoni u l-ħsieb kreattiv) jew prattiċi (għax jinvolvu l-kapaċità manwali u l-użu ta' metodi, materjali, għodda u strumenti);

(i) *Responsabbiltà/awtonomija* fil-kuntest tal-QEK hi l-abbiltà tal-istudent li japplika l-għarfien u l-ħiliet b'mod awtonomu u b'responsabbiltà;

(j) *Validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali*: il-proċess ta' konferma minn korp awtorizzat li individwu jkun kiseb l-eżiti tat-tagħlim imkejla skont standard relevanti u li jikkonsisti minn dawn l-erba' fażijiet distinti: l-identifikazzjoni bi djalogu fuq esperjenzi partikolari ta' individwu, dokumentazzjoni biex l-esperjenzi tal-individwu joħroġu fid-dieher, valutazzjoni formali ta' dawn l-esperjenzi, u ċertifikazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni li tista' twassal għal kwalifika parzjali jew sħiħa;

(k) *Rikonoxximent formali tal-eżiti tat-tagħlim:* il-proċess tal-għoti ta' status uffiċjali minn awtorità kompetenti għal eżitu tat-tagħlim miksub għall-finijiet ta' aktar studji jew ta' impjieg, permezz ta' i) l-għoti ta' kwalifiki (ċertifikati, diplomi jew titoli), ii) il-

validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali, iii) l-għoti ta' ekwivalenza, kreditu jew eżenzjonijiet;

(l) *Kreditu:* juri li parti minn kwalifika, li tkun tikkonsisti minn sett koerenti ta' eżiti tat-tagħlim, tkun ġiet evalwata u vvalidata minn korp awtorizzat skont standard maqbul; il-kreditu jagħtuh korpi kompetenti meta l-individwu jkun kiseb l-eżiti tat-tagħlim definiti, kif attestat b'valutazzjonijiet xierqa; il-kreditu jista' jiġi espress b'valur kwantitattiv (eż. krediti jew punti tal-krediti) li jkun juri stima tal-ħidma meħtieġa minn individwu biex jikseb l-eżiti tat-tagħlim relatati;

(m) *Sistemi tal-krediti:* sistemi għar-rikonoxximent tal-krediti. Fost l-oħrajn, dawn is-sistemi jistgħu jinkludu ekwivalenzi, eżenzjonijiet, unitajiet/moduli li jkunu jistgħu jiġu akkumulati u trasferiti, l-awtonomija tal-provdituri li jistgħu jindividwalizzaw il-mogħdijiet, u permezz tal-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali;

(n) *Trasferiment tal-krediti:* il-proċess li bih individwu jkun jista' jakkumula l-krediti f'kuntest partikolari u dawn jiġu vvalutati u rikonoxxuti f'kuntest ieħor.

ANNESS II

Id-deskritturi li jiddefinixxu l-livelli tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (il-QEK)

Kull wieħed mit-8 livelli huwa definit b'sett ta' deskritturi li jindikaw l-eżiti tat-tagħlim[1] rilevanti għall-kwalifiki f'dak il-livell f'kull sistema tal-kwalifiki.			
	Għarfien	Ħiliet	Responsabilità/Awtonomija
	Fil-kuntest tal-QEK, l-għarfien jitqies teoretiku u/jew fattwali.	Fil-kuntest tal-QEK, il-ħiliet jitqiesu konoxxittivi (għax jinvolvu l-użu tal-loġika, l-intwizzjoni u l-ħsieb kreattiv) u prattiċi (għax jinvolvu l-kapaċità manwali u l-użu ta' metodi, materjali, għodda u strumenti).	Fil-kuntest tal-QEK, ir-responsabbiltà/l-awtonomija hija deksritta bħala l-abbiltà tal-istudent li japplika l-għarfien u l-ħiliet b'mod awtonomu u b'responsabbiltà.
Il-livell 1 L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 1 huma:	għarfien ġenerali bażiku	il-ħiliet bażiċi meħtieġa għat-twettiq ta' kompiti sempliċi	xogħol jew studju b'superviżjoni diretta f'kuntest strutturat
Il-livell 2 L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 2 huma:	għarfien fattwali bażiku fuq qasam ta' xogħol jew studju	il-ħiliet konjittivi bażiċi u prattiċi meħtieġa ħalli tintuża l-informazzjoni rilevanti biex jitwettqu xi kompiti u jissolvew xi problemi ta' rutina b'regoli u għodod sempliċi	xogħol jew studju b'superviżjoni iżda b'ċertu awtonomija
Il-livell 3 L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 3 huma:	għarfien tal-fatti, il-prinċipji, il-proċessi u l-kunċetti ġenerali f'qasam ta' xogħol jew studju.	firxa tal-ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa biex jitwettqu xi kompiti u jissolvew xi problemi billi jintgħażlu u jitħaddmu ċertu metodi bażiċi, għodod, materjali u informazzjoni	it-teħid tar-responsabbiltà biex jitwettqu xi kompiti fix-xogħol jew fl-istudju l-adattament tal-imġiba għaċ-ċirkostanzi biex jissolvew xi problemi
Il-livell 4 L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 4 huma:	għarfien fattwali u teoretiku f'kuntesti wiesgħa f'qasam ta' xogħol jew studju	firxa tal-ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa biex jinstabu soluzzjonijiet għal problemi speċifiċi f'qasam ta' xogħol jew studju	il-kapaċità li wieħed imexxi lilu nnifsu skont il-linji gwida tal-kuntesti tax-xogħol jew tal-istudju li ħafna drabi jkunu prevedibbli iżda jistgħu jinbidlu is-superviżjoni tax-xogħol ta' rutina ta' ħaddieħor, u t-teħid ta' ċertu responsabbiltà biex jiġu evalwati u mtejba xi attivitajiet ta' xogħol jew studju

[1] L-eżiti tat-tagħlim huma dikjarazzjonijiet ta' dak li l-istudent se jkun jaf, jifhem u kapaċi jagħmel meta jtemm il-proċess tat-tagħlim. Ġeneralment dawn jiġu klassifikati bħala "għarfien, ħiliet u kompetenzi". Fil-kuntest tal-QEK, l-aħħar element hu limitat għar-"responsabilità/awtonomija" għax hawnhekk id-deskritturi jkunu jirriflettu d-dikjarazzjonijiet maqbula b'mod komuni bejn l-Istati Membri dwar l-applikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u ma jkunux jikkorrispondu għalkollox għad-definizzjonijiet kunċettwali.

Il-livell 5* L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 5 huma:	għarfien komprensiv, speċjalizzat, fattwali u teoretiku f'qasam ta' xogħol jew studju u s-sensibilizzazzjoni tal-limiti ta' dak l-għarfien	firxa komprensiva tal-ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa biex jinstabu soluzzjonijiet kreattivi għal problemi astratti	il-kapaċità ta' tmexxija u superviżjoni f'kuntesti ta' attivitajiet ta' xogħol jew studju li jinbidlu b'mod imprevedibbli l-analiżi u l-iżvilupp tar-rendiment personali u tal-oħrajn
Il-livell 6** L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 6 huma:	għarfien avvanzat f'qasam ta' xogħol jew studju, li jkun jinvolvi fehim kritiku ta' teoriji u prinċipji	ħiliet avvanzati li juru ħakma u innovazzjoni u li hemm bżonnhom biex jissolvew xi problemi kumplessi u imprevedibbli f'qasam ta' xogħol jew studju speċjalizzat	il-kapaċità li wieħed imexxi attivitajet jew proġetti tekniċi jew professjonali kumplessi, u t-teħid tar-responsabbiltà biex jittieħdu deċiżjonijiet f'kuntesti ta' xogħol jew studju imprevedibbli it-teħid tar-responsabbiltà għat-tmexxija tal-iżvilupp professjonali ta' individwi u gruppi
Il-livell 7*** L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 7 huma:	għarfien speċjalizzat ferm, li ftit minnu jkun fost l-aktar riċenti f'qasam ta' xogħol jew studju, li fuqu jissejsu l-ħsieb u/jew ir-riċerka oriġinali il-moħħ kritiku għal kwistjonijiet ta' għarfien f'qasam partikolari u bejn oqsma differenti	il-ħiliet speċjalizzati fis-soluzzjonijiet tal-problemi li huma meħtieġa fir-riċerka u/jew fl-innovazzjoni biex jinħolqu għarfien u proċeduri ġodda u biex jitwaħħad l-għarfien minn oqsma differenti	it-tmexxija u t-trasformazzjoni ta' kuntesti ta' xogħol jew studju li huma kumplessi, imprevedibbli u li jeħtieġu strateġiji ġodda it-teħid tar-responsabbiltà għal kontribut fl-għarfien u l-prattika professjonali u/jew għal analiżi tar-rendiment strateġiku tat-timijiet
Il-livell 8**** L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 8 huma:	għarfien mill-aktar avvanzat f'qasam ta' xogħol jew studju u bejn żewġ oqsma	l-aktar ħiliet u tekniki avvanzati u speċjalizzati, inklużi s-sinteżi u l-evalwazzjoni, li hemm bżonn biex jissolvew xi problemi kritiċi fir-riċerka u/jew fl-innovazzjoni u biex jitwessgħu u jerġgħu jissawru l-għarfien eżistenti jew il-prattiki professjonali	it-turija ta' ammont sostanzjali ta' awtorità, innovazzjoni, awtonomija, akkademja, integrità professjonali u impenn sostnut għall-iżvilupp ta' ideat jew proċessi ġodda bħala prijorità f'kuntesti ta' xogħol jew studju, inkluża r-riċerka

Il-kompatibbiltà mal-Qafas tal-Kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (il-QF-EHEA)

Il-QF-EHEA jipprovdi deskritturi għal tliet ċikli maqbula mill-Ministri li huma responsabbli mill-edukazzjoni ogħla waqt il-laqgħa li kellhom f'Bergen f'Mejju 2005 fil-kuntest tal-proċess ta' Bologna**.** Kull deskrittur taċ-ċikli jagħti dikjarazzjoni ġenerika tal-asspettattivi tipiċi tal-kisbiet u tal-abbiltajiet assoċjati mal-kwalifiki li jirrappreżentaw tmiem dak iċ-ċiklu.

* Id-deskrittur taċ-ċiklu l-qasir żviluppat mill-Inizjattiva Konġunta dwar il-Kwalità bħala parti mill-proċess ta' Bologna, (fl-ewwel ċiklu jew marbut miegħu), jikkorrispondi għall-eżiti tat-tagħlim tal-livell 5 tal-QEK.

** Id-deskrittur tal-ewwel ċiklu jikkorrispondi għall-eżiti tat-tagħlim tal-livell 6 tal-QEK.

*** Id-deskrittur tat-tieni ċiklu jikkorrispondi għall-eżiti tat-tagħlim tal-livell 7 tal-QEK.

**** Id-deskrittur tat-tielet ċiklu jikkorrispondi għall-eżiti tat-tagħlim tal-livell 8 tal-QEK.

ANNESS III

Il-kriterji u l-proċeduri għar-referenzjar tal-oqfsa u s-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki

1. Ir-responsabbiltajiet u/jew l-kompetenza legali ta' kull korp nazzjonali rilevanti involut fil-proċess tar-referenzjar huma stabbiliti b'mod ċar u ppubblikati mill-awtoritajiet kompetenti.
2. Hemm rabta ċara u evidenti bejn il-livelli tal-kwalifiki fil-qafas jew is-sistema nazzjonali tal-kwalifiki u d-deskritturi tal-livelli tal-QEK.
3. Il-qafas jew is-sistema nazzjonali tal-kwalifiki u l-kwalifiki tagħhom huma bbażati fuq il-prinċipju u l-għan tal-eżiti tat-tagħlim u marbuta mal-mekkaniżmi għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali u, meta jkunu jeżistu, mas-sistemi tal-krediti.
4. Il-proċeduri biex il-kwalifiki jiddaħħlu fil-qafas nazzjonali għall-kwalifiki jew biex iġi deskritt il-lok tal-kwalifiki fis-sistema nazzjonali tal-kwalifiki huma trasparenti.
5. Is-sistemi nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-edukazzjoni u t-taħriġ jirreferu għall-qafas jew is-sistema nazzjonali tal-kwalifiki u huma konsistenti mal-prinċipji tal-assigurazzjoni tal-kwalità kif jispeċifika l-Anness IV ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
6. Il-proċess tar-referenzjar għandu jinkludi l-ftehim imsemmi tal-korpi rilevanti tal-assigurazjoni tal-kwalità li r-rapport tar-referenzjar jikkonforma mad-dispożizzjonijiet u l-prattika nazzjonali rilevanti dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità.
7. Il-proċess tar-referenzjar għandu jinvolvi esperti internazzjonali u r-rapporti tar-referenzjar għandu jkun fihom dikjarazzjoni bil-miktub ta' mill-inqas żewġ esperti internazzjonali minn żewġ pajjiżi differenti fuq il-proċess tar-referenzjar.
8. Il-korpi nazzjonali kompetenti għandhom jiċċertifikaw ir-referenzjar tal-qafas jew is-sistema nazzjonali tal-kwalifiki mal-QEK. Il-korpi nazzjonali kompetenti għandhom jippubblikaw rapport komprensiv li jkun jistabbilixxi r-referenzjar u l-evidenza li ssaħħu, u dan ir-rapport għandu jindirizza separatament kull wieħed mill-kriterji. Dan l-istess rapport jista' jintuża għall-awtoċertifikazzjoni mal-Qafas tal-Kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja, skont il-kriterji tal-awtoċertifikazzjoni ta' dan tal-aħħar.
9. Idealment, fi żmien 3 xhur mill-approvazzjoni tar-rapport tar-referenzjar jew tal-aġġornament tiegħu, l-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra għandhom jippubblikaw ir-rapport tar-referenzjar u jipprovdu l-informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' tqabbil fuq servizz web Ewropew rilevanti.
10. Wara l-proċess tar-referenzjar, kull ċertifikat, diploma jew suppliment tal-kwalifika ġdid li joħorġu l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollu referenza ċara, permezz ta' oqfsa jew sistema nazzjonali tal-kwalifiki, għal-livell tal-QEK proprju.

ANNESS IV

Il-prinċipji tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-kwalifiki referenzjati mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki[2]

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni ogħla, it-tagħlim mhux formali u informali fis-settur privat jew il-kwalifiki internazzjonali referenzjati mal-QEK għandhom ikunu assigurati mil-lat ta' kwalità ħalli tissaħħaħ il-fiduċja fil-kwalità u fil-livell tagħhom. Il-prinċipji tal-assigurazzjoni tal-kwalità fil-livell Ewropew għall-edukazzjoni ġenerali huma soġġetti għad-diskussjoni li għaddejja fil-kuntest tal-ET2020.

Mingħajr preġudizzju għall-miżuri nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità li japplikaw għall-kwalifiki nazzjonali, **l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-*kwalifiki* referenzjati mal-QEK:**

1. tindirizza t-tfassil tal-kwalifiki u l-applikazzjoni tal-approċċ tal-eżiti tat-tagħlim
2. tindirizza l-proċess taċ-ċertifikazzjoni, u tiżgura valutazzjoni valida u affidabbli skont standards maqbula u trasparenti bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim
3. tikkonsisti minn mekkaniżmi tar-rispons u proċeduri għal titjib kontinwu
4. tinvolvi lil kull parti konċernata rilevanti f'kull stadju tal-proċess
5. fiha metodi ta' evalwazzjoni konsistenti, li jassoċjaw l-awtovalutazzjoni u l-analiżi esterna
6. hi parti integrali mill-ġestjoni interna, inklużi l-attivitajiet subkuntrattati, tal-korpi li joħorġu l-kwalifiki referenzjati mal-QEK
7. tibbaża fuq għanijiet, standards u linji gwida ċari u li jistgħu jitkejlu
8. hi appoġġata b'riżorsi xierqa
9. tinkludi evalwazzjoni sistematika u ċiklika minn korpi esterni tal-monitoraġġ, li tal-inqas tkun ibbażata fuq il-prinċipji tas-sistemi interni tal-assigurazzjoni tal-kwalità relatati mal-kwalifiki u li huma mniżżla f'dan l-Anness
10. tinkludi l-pubblikazzjoni tar-riżultati ta' din l-evalwazzjoni, inkluż l-aċċessibbiltà elettronika fil-livell nazzjonali u Ewropew

Il-korpi jew l-aġenziji esterni tal-monitoraġġ imsemmija fil-prinċipju (9) għandhom ikunu soġġetti għal analiżi esterna ċiklika mill-awtoritajiet kompetenti. L-eżitu ta' din l-analiżi esterna, barra mill-qasam tal-edukazzjoni ogħla, għandu jkun disponibbli għall-pubbliku u b'mod elettroniku permezz ta' reġistru Ewropew.

[2] . Dawn il-prinċipji komuni huma kompatibbli għalkollox mal-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (l-EHEA-ESG) u mal-Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (l-EQAVET).

ANNESS V

Il-prinċipji tas-sistemi tal-krediti relatati mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki

Meta jkunu kumplimentati b'sistemi tal-krediti, il-QEK u l-oqsfa nazzjonali għall-kwalifiki jkunu jappoġġaw aħjar lill-individwi meta jiġu biex jiċċaqilqu i) bejn il-livelli differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ii) fis-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u bejniethom, iii) mill-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol u iv) fi ħdan il-fruntieri u bejniethom. Is-sistemi differenti tal-krediti, marbuta mill-qrib ma' sistemi u oqfsa tal-kwalifiki, għandhom jaħdmu flimkien biex jappoġġaw it-tranżizzjonijiet u jiffaċilitaw progressjoni.

Għal dan il-għan, is-sistemi tal-krediti marbuta ma' kwalifiki referenzjati mal-QEK għandhom ikunu konformi ma' dawn il-prinċipji:

1. Għandhom jiġu stabbiliti sistemi tal-krediti ħalli jifirxu mogħdijiet tat-tagħlim flessibbli, għall-ġid tal-istudenti.
2. Waqt it-tfassil u l-iżvilupp tal-kwalifiki, għandhom jitħaddmu sistematikament l-approċċ tal-eżiti tat-tagħlim u l-mekkaniżmi rilevanti tal-krediti ħalli jeħfiefu t-trasferiment (ta' komponenti) tal-kwalifiki u l-progressjoni fit-tagħlim.
3. Is-sistemi tal-krediti għandhom jiffaċilitaw it-trasferiment tal-eżiti tat-tagħlim u l-progressjoni tal-istudenti tul il-konfini istituzzjonali u l-fruntieri nazzjonali.
4. Is-sistemi tal-krediti għandhom jissejsu fuq assigurazzjoni tal-kwalità espliċita u trasparenti.
5. Il-krediti li jikseb individwu għandhom jiġu dokumentati, filwaqt li jissemmew l-eżiti tat-tagħlim miksuba, il-livell tagħhom, isem l-istituzzjoni kompetenti tal-għoti tal-krediti u, meta jkun rilevanti, il-valur relatat tal-krediti.
6. Is-sistemi tal-akkumulazzjoni u t-trasferimenti tal-krediti għandhom joħolqu sinerġiji mal-mekkaniżmi għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, filwaqt li jaħdmu flimkien biex jiffaċilitaw u jippromwovu t-trasferiment u l-progressjoni.
7. Is-sistemi tal-krediti għandhom jiġu żviluppati u mtejba bil-koperazzjoni fost il-partijiet konċernati fil-livell nazzjonali u Ewropew.

ANNESS VI

L-elementi indikattivi ta' format komuni għall-pubblikazzjoni elettronika tal-informazzjoni fuq il-kwalifiki

DEJTA			**Meħtieġa / Fakultattiva**
It-titlu tal-kwalifika			Meħtieġa
Is-suġġett*			Meħtieġa
Il-(kodiċi tal-)pajjiż/reġjun			Meħtieġa
Il-livell tal-QEK			Meħtieġa
Deskrizzjoni tal-kwalifika	Jew	Għarfien	Meħtieġa
		Ħiliet	Meħtieġa
		Responsabilità/Awtonomija	Meħtieġa
	Jew	Lok miftuħ għal deskrizzjoni ta' dak li student hu mistenni jkun jaf, jifhem u kapaċi jagħmel	Meħtieġa
Il-korp tal-għoti**			Meħtieġa
Il-punti tal-krediti / ix-xogħol nozzjonali meħtieġ biex jinkisbu l-eżiti tat-tagħlim			*Fakultattiva*
Il-proċessi interni tal-assigurazzjoni tal-kwalità			*Fakultattiva*
Il-korp estern tal-monitoraġġ			*Fakultattiva*
Aktar informazzjoni fuq il-kwalifika			*Fakultattiva*
Is-sors tal-informazzjoni			*Fakultattiva*
Link għas-suppliment rilevanti tal-kwalifika			*Fakultattiva*
Il-URL tal-kwalifika			*Fakultattiva*
Il-(kodiċi tal-)lingwa tal-informazzjoni			*Fakultattiva*
Ir-rekwiżiti tad-dħul			*Fakultattiva*
Id-data tal-iskadenza (jekk rilevanti)			*Fakultattiva*
Il-modi biex tinkiseb il-kwalifika			*Fakultattiva*
Ir-rabta mal-okkupazzjonijiet			*Fakultattiva*

* ISCED FoET2013

** L-informazzjoni minima mitluba dwar il-Korp tal-għoti għandha tagħmilha eħfef li wieħed isib informazzjoni dwar dak il-Korp tal-għoti. Din għandha tkun isem il-Korp tal-għoti, jew jekk ikun applikabbli isem il-grupp tal-Korpi tal-għoti, flimkien mal-URL jew l-informazzjoni tal-kuntatt